



Użu ħażin ta' Pakketti Żgħar għall-Kummerċ ta' Oġġetti Ffalsifikati

FATTI U XEJRIET



Misuse of Small Parcels for Trade in Counterfeit Goods FACTS AND TRENDS



Sommarju eżekuttiv

1. Il-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati jirrappreżenta riskju soċjoekonomiku dinji li ilu jeżisti u li qed jikber, riskju li jhedded il-governanza pubblika effettiva, il-kummerċ effiċjenti u l-benesseri tal-konsumaturi. Fl-istess ħin, qed isir sors ewlieni ta' dħul għal gruppi tal-kriminalità organizzata. Huwa jagħmel ukoll ħsara lit-tkabbir ekonomiku, billi jaffettwa ħafna d-dħul tan-negozju u jdgħajjef l-inċentiv tagħhom li jkunu innovattivi.
2. Prodotti ffalsifikati u piratati għandhom it-tendenza li jintbagħtu prattikament b'kull mezz ta' trasport. Fil-perjodu analizzat, f'dak li jirrigwarda l-valur, l-oġġetti ffalsifikati ttrasportati b'bastiment tal-kontejner iddominaw biċ-ċar. F'dak li jirrigwarda l-għadd ta' sekwestri, it-traffikar ta' oġġetti foloz permezz ta' pakketti żgħar qed jiżded, u qed isir problema sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-infurzar. Il-pakketti żgħar użati minn dawk li jiffalsifikaw l-oġġetti għat-traffikar jintbagħtu jew permezz tas-servizzi tal-posta jew permezz tas-servizzi espress.
3. Dan joħloq sfidi sinifikanti għall-awtoritajiet doganali u wassal għal talbiet biex ikun hemm aktar attenzjoni fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO). L-informazzjoni tradizzjonalment disponibbli bħal pereżempju l-manifesti tal-bastimenti u r-rwol ta' appoġġ ta' sensara doganali ta' spiss huma nieqsa f'kummerċ b'volum żgħir.
4. Fil-preżent, biex tibgħat oġġetti b'volum żgħir bil-posta teħtieġ biss dokumentazzjoni ssimplifikata. L-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti hija ċċertifikata mill-ispeditur u normalment ma tiġix ivverifikata, u dan jagħti lok għal żbalji leġittimi kif ukoll għal frodi. L-informazzjoni tradizzjonalment ġiet ipprovduta f'forma stampata u għaldaqstant ma kinitx disponibbli elettronikament. Normalment din kienet disponibbli biss għall-awtoritajiet doganali f'pajjiżi ta' destinazzjoni, mal-wasla tal-oġġett. Filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni ta' skambji ta' data elettronika, għad fadal ħafna xi jsir f'dan ir-rigward. Dan joħloq dilemma għad-dwana, li trid tipproċessa importazzjonijiet fuq bażi mħaffa, filwaqt li tevalwa b'mod xieraq id-dazji u timmonitorja l-importazzjonijiet bl-għan li tiġġieled il-kummerċ illeċitu.
5. Il-kumpaniji espress akbar ġeneralment jipprovdu servizzi minn bieb għal bieb li jkunu ttrekkjati u ttraċċati elettronikament. Informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna lill-konsenjatur, lill-prodott u lir-riċevitur tinġabar ukoll b'dan il-mod. Dan jipprovdi sors ta' data potenzjalment rikk li, jekk isir disponibbli għall-awtoritajiet doganali, ikun jista' jgħinhom ħafna fil-valutazzjoni tar-riskju. Il-fornituri ta' servizzi espress u d-dwana qegħdin jaħdmu dejjem aktar flimkien biex itejbu l-iskambji ta' data u ta' informazzjoni. Xorta għad hemm lok għal titjib, peress li l-kwistjonijiet ta' privatezza u t-tħassib b'rabta mal-kunfidenzjalità jeħtieġ li jiġu indirizzati. Bħal fil-każ ta' tranżazzjonijiet bil-posta, l-informazzjoni pprovduta mill-ispeditur jista' jkun fiha żbalji, dikjarazzjonijiet foloz magħmula deliberatament, jew tkun tikkostitwixxi frodi.
6. L-analiżi f'dan ir-rapport tuża żewġ tipi ta' data: informazzjoni dwar il-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati, li hija bbażata fuq data doganali dwar sekwestri ta' oġġetti ffalsifikati miksuba mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali u mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni Doganali u tal-Fruntieri (CBP). Din id-data

hija kkomplementata bi statistika disponibbli mill-Unjoni Postali Universali u mill-bażi ta' data Comext tal-Eurostat li juru l-kummerè internazzjonali ta' pakketti żgħar.

7. L-analiżi ddettaljata tad-data tal-2011-2013 turi li, għalkemm oġġetti foloz trasportati f'kontenituri jiddominaw b'mod ċar f'dak li jirrigwarda l-valur ta' oġġetti ssekwestrati u l-għadd ta' oġġetti, il-pakketti żgħar huma importanti f'dak li jirrigwarda l-għadd ta' sekwestri; kważi 63 % tas-sekwestri doganali ta' oġġetti ffalsifikati u piratati jinvolvu pakketti żgħar. Id-daqs ta' dawn il-kunsinni tal-kurrier espress jew bil-posta għandu t-tendenza li jkun żgħir. Il-pakketti b'10 oġġetti jew inqas jirrappreżentaw il-maġġoranza tas-sekwestri kollha.

8. F'dak li jirrigwarda tendenzi speċifiċi għall-industrija, prattikament is-setturi kollha tal-industrija suxxettibbli għall-falsifikazzjoni huma kkonċernati, għalkemm bi gradi differenti. Pereżempju, 84 % tal-kunsinni ssekwestrati ta' żraben iffalsifikati, 77 % ta' tagħmir mediku u fotografiku ottiku falz (l-aktar nuċċalijiet tax-xemx) u 66 % tas-sekwestri doganali ta' tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) involvew pakketti postali jew kunsinni espress. Dan huwa wkoll il-każ għal aktar minn 63 % tas-sekwestri doganali ta' arloġġi tal-idejn, oġġetti tal-ġilda u basktijiet tal-idejn, u ġojjellerija.

9. F'dak li jirrigwarda tendenzi speċifiċi għall-ekonomija, l-analiżi indikat li xi ftit ekonomiji tal-provenjenza jiddominaw il-kummerè tal-pakketti żgħar. Dawn jinkludu ċ-Ċina, Hong Kong (iċ-Ċina), l-Indja, is-Singapor, it-Tajlandja u t-Turkija. Filwaqt li xi wħud minn dawn l-ekonomiji tal-provenjenza ewlenin, bħaċ-Ċina, l-Indja u t-Tajlandja, ġew identifikati bħala produttori potenzjali ta' prodotti ffalsifikati u piratati, oħrajn bħal Hong Kong (iċ-Ċina) u Singapor, huma punti ta' tranżitu ewlenin.

Użu ħażin ta' Pakketti Żgħar għall-Kummerċ ta' Oġġetti Ffalsifikati

FATTI U XEJRIET

Dan l-istudju jeżamina l-potenzjal għall-użu ħażin ta' pakketti żgħar għall-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati u piratati. Dan jippreżenta l-kuntesti legali u ekonomiċi tal-operazzjoni tas-servizzi espress u tal-posta. Huwa jġares ukoll lejn id-data disponibbli dwar il-volumi ta' kunsinni żgħar, permezz ta' flussi tal-posta u ta' kurrier, fil-kuntesti ta' sekwestri ta' oġġetti ffalsifikati u piratati. Barra minn hekk janalizza r-rabtiet bejn id-dinamika osservata fis-swieq għal pakketti żgħar u l-informazzjoni disponibbli dwar l-użu ħażin ta' dan is-servizz mit-traffikanti ta' oġġetti ffalsifikati u piratati.

Ikkonsulta din il-pubblikazzjoni online fuq <https://doi.org/10.1787/9789264307858-en>.

Dan ix-xogħol huwa ppubblikat fil-Librerija tal-OECD, li tiġbor flimkien il-kotba, is-sensiliet u l-bażijiet ta' data tal-istatistika tal-OECD.

Żur www.oecd-ilibrary.org għal aktar informazzjoni.

